32003D0514

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Lulju 2003

dwar miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan f'Sardinja, l-Italja

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 2293)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/514/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE [1] tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ fi ħdan il-Komunità bil- għan li jkun kompletat is-suq intern, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi li japplikaw għall-kummerċ ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti fi ħdan il-Komunità bil-għan li jkun kompletat is-suq intern [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva.

Billi:

(1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/108/KE tat-28 ta' Marzu 1995 dwar miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan f'Sardinja, l-Italja [5] kienet emendata b'mod sostanzjali [6]. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità din id-Deċiżjoni għandha tkun kodifikata.

(2) Id-deni tal-ħnieżer Afrikan għandu jitqies bħala marda endemika fil-provinċja ta' Nuoro, f'Sardinja, l-Italja.

(3) Is-sitwazzjoni tal-marda tista' tipperikola l-merħliet f'reġjuni oħra ta' l-Italja u ta' Stati Membri oħra minħabba l-kummerċ fi ħnieżer ħajjin, fil-laħam tal-ħnieżer frisk u f'ċerti prodotti li l-bażi tagħhom hija l-laħam tal-ħnieżer.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fir-razzett veterinarju [7], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003, tipprovdi għall-possibbiltà li l-Komunità tagħti sehem finanzjarju fil-qerda u fis-sorveljanza ta' mard ta' l-annimali.

(5) L-għan tal-programmi annwali dwar il-qerda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan ippreżentati lill-Italja sabiex ikunu approvati huwa li tkun meqruda din il-marda miż-żoni ta' Sardinja fejn għadha preżenti din il-marda.

(6) L-awtoritajiet Taljani ħadu miżuri legali sabiex jipprojbixxu l-moviment ta' annimali ħajjin, ta' laħam tal-ħnieżer frisk u ta' ċerti prodotti li l-bażi tagħhom hija l-laħam tal-ħnieżer mit-territorju ta' Sardinja. L-adozzjoni ta' dawn il-miżuri legali tiggarantixxi l-effikaċja ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Italja tipprojbixxi l-moviment ta' annimali tal-familja Suidae mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja.

[1] ĠU L 395, 30.12.89, p. 13.
[2] ĠU L 122, 16.05.03, p. 1.
[3] ĠU L 224, 18.08.90, p. 29.
[4] ĠU L 315, 19.11.02, p. 14.
[5] ĠU L 79, 07.04.95, p. 29.
[6] Vide l-Anness I.
[7] ĠU L 224, 18.08.90, p. 19.

L-Artikolu 2

1. L-Italja tipprojbixxi l-moviment ta' laħam tal-majjal frisk li ġej minn kull annimal tal-familja Suidae mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, laħam tal-majjal frisk jista' jintbagħat f'żoni barra t-territorju tas-Sardinja bil-kondizzjoni illi l-laħam konċernat:

(a) ġej minn ħnieżer li kienu ddaħħlu fit-territorju tar-reġjun tas-Sardinja bħala ħnieżer għall-qatla skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([1]) jew id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE ([2]). L-imsemmija ħnieżer għall-qatla kienu trasportati direttament mill-port tad-dħul għal biċċerija indikata u nqatlu fi żmien 12-il siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija; jew

(b) ġej minn ħnieżer illi:

(i) nżammu f'razzett approvat mill-awtorità veterinarja kompetenti; ir-razzett irid jkun fil-provinċja ta' Sassari, Oristano jew Cagliari;

(ii) inżammu għal mill-anqas erba' xhur fir-razzett minfejn oriġinaw;

(iii) inżammu f'razzett li qiegħed mill-anqas 10km bogħod minn kull mixja tad-deni tal-ħnieżer Affrikan li tkun seħħet fit-tlett xhur ta' qabel;

(iv) inżammu f'razzett li fih ma ddaħħlux ħnieżer fit-30 jum ta' qabel;

(v) kienu parti minn popolazzjoni ta' ħnieżer f'razzett kopert mill-programm ta' eżamijiet seroloġiċi mitlub mill-programm għall-qerda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan adottat mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u ma nstab l-ebda anti-korp tal-virus tad-deni tal-ħnieżer Affrikan fl-aħħar sitt xhur;

(vi) kienu parti minn programm ta' eżamijiet seroloġiċi qabel il-moviment li jsiru fi żmien għaxart ijiem qabel it-trasport għall-qatla u li fihom ma nstab l-ebda anti-korp tal-virus tad-deni tal-ħnieżer; il-programm ta' eżamijiet ta' qabel il-moviment li kien applikat għall-kunsinna konċernata għandu jkun programm li kien klassifikat bħala programm li fis-sejba ta' annimali li mill-eżami tad-demm jirriżultaw pożittivi għandu livell ta' suċċess ta' 95 % fuq livell ta' privalenza ta' 5 %.

(vii) kienu sottomessi għal eżaminazzjoni klinika fir-razzett li oriġinaw minnu fi żmien 24 siegħa qabel kienu trasportati. Il-ħnieżer kollha fir-razzett minfejn oriġinaw għandhom ikunu eżaminati u l-faċilitajiet relatati għandhom ikunu spezzjonati. Fir-razzett minfejn joriġinaw, l-annimali għandhom ikunu identifikati permezz ta' tikketta mwaħħla ma' widnejhom sabiex fir-rigward ta' kull annimal jkun magħruf mill-iema razzett oriġina.

(viii) kienu trasportati direttament mir-razzett fejn oriġinaw għall-biċċerija indikata. Il-mezzi tat-trasport għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati qabel ma jitgħabbew l-annimali u għandhom ikunu issiġillati uffiċjalment. Flimkien mal-ħnieżer għandu jintbagħat dokument tas-saħħa li jiċċertifika illi l-ħnieżer jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fil-punti (i) sa (vii) u li jkun iffirmat mill-awtorità kompetenti;

(ix) nqatlu fi żmien 24 siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija.

3. Il-laħam imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jinżamm separat mil-laħam li ma jissodisfax l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu.

L-Artikolu 3

Laħam mibgħut mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja għandu jintbagħat flimkien ma' ċertifikat minn veterinarju uffiċjali. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-kliem li ġejjin:

"Laħam konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/514/KE dwar il-protezzzjoni tas-saħħa kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan f'Sardinja, l-Italja."

L-Artikolu 4

1. L-Italja tipprojbixxi l-moviment ta' prodotti tal-laħam tal-majjal mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, prodotti tal-laħam tal-majjal jistgħu jintbagħtu f'żoni barra t-territorju tas-Sardinja bil-kondizzjoni illi l-prodotti konċernati:

(a) kienu sottomessi għal trattament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 80/215/KEE ([3]); jew

(b) kienu prodotti fi stabbiliment indikat u biss minn laħam illi

(i) jissodisfa d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 2(2) u (3); jew

(ii) iddaħħal fit-territorju ta' Sardinja bħala laħam tal-majjal frisk skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE ([4]).

L-Artikolu 5

Prodotti tal-laħam imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u mibgħuta mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja għandhom jintbagħtu flimkien ma' ċertifikat minn veterinarju uffiċjali. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-kliem li ġejjin:

"Prodotti tal-laħam konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/514/KE dwar miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan f'Sardinja, l-Italja."

L-Artikolu 6

L-Italja għandha tippreżenta lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni:

(a) lista ta' l-isem (jew ismijiet) u l-indirizz (jew indirizzi) tal-biċċerija indikata (jew biċċeriji indikati) msemmija fl-Artikolu 2 u l-isem (jew l-ismijiet) u l-indirizz (jew indirizzi) ta' l-istabbilment indikat (jew stabbilimenti indikati) msemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u approvati mill-Awtorità Veterinarja Ċentrali;

([1]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
([2]) ĠU L 302, 31.12.72, p. 28.
([3]) ĠU L 47, 21.02.80, p. 4.
([4]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

(b) rapport kull sitt xhur b'informazzjoni dwar in-numru ta' ħnieżer sottomessi għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2(2)(b) u r-riżultati mill-eżamijiet seroloġiċi magħmulha.

L-Artikolu 7

1. L-Italja għandha tistabbilixxi Kumitat għal Koordinazzjoni u Kontroll Nazzjonali. Il-President għandu jinħatar mill-Awtorità Veterinarja Ċentrali. Din l-Awtorità għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għall-kontroll ta' miżuri sabiex jinqered id-deni tal-ħnieżer Affrikan. Il_Kumitat għandu:

(a) jiġbor data dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mill-awtoritajiet tar-reġjun ta' Sardinja;

(b) jkollu faċilitajiet għall-ġestjoni ta' din id-data;

(ċ) jkollu mezzi ta' komunikazzjoni rapidi mar-reġjun ta' Sardinja.

2. Jekk l-Awtorità Veterinarja Ċentrali taħseb li hemm il-bżonn, hija tista' tintroduċi aktar miżuri ta' protezzjoni minbarra dawk msemmija f'din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 8

Id-Deċiżjoni 95/108/KE hija revokata.

Referenzi għad-Deċiżjoni revokata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu interpretati skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

L-Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Deċiżjoni revokata bl-emendi tagħha

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/108/KE (ĠU L 79, tas-7.4.1995, p. 29)
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/384/KE (ĠU L 146, tal-11.6.1999, p. 52)

L-ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Deċiżjoni Nru 95/108/KE	Din id-Deċiżjoni
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 2(2)(a)	L-Artikolu 2(2)(a)
L-Artikolu 2(2)(b), mill-ewwel sad-disa' inċiż	L-Artikolu 2(2)(b)(i) sa (ix)
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 3 to 6	L-Artikolu 3 to 6
L-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 7(1)(a)
L-Artikolu 7(1), it-tieni inċiż	L-Artikolu 7(1)(b)
L-Artikolu 7(1), it-tielet inċiż	L-Artikolu 7(1)(c)
L-Artikolu 7(2)	L-Artikolu 7(2)
L-Artikolu 8	—
L-Artikolu 9	—
—	L-Artikolu 8
L-Artikolu 10	L-Artikolu 9
—	L-Anness I
—	L-Anness II